**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 297/2012**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**William Caruana**

Illum 28 ta' Lulju 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellat William Caruana detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 309942M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

> **Billi fuq talba tal-Kummissjoni tat-Taxxi Interni huwa akkużat talli bħala direttur tal-kumpanija PBG Limited (C 21145) għas-snin 2002, 2003, 2004 u 2005 b'diversi atti magħmulin minnhekk, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess dispożizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 maħruġa ai termini ta' hawn fuq imemmi artikolu 23 naqas milli jħares id-dispożizjonijiet ta' dawk ir-regoli.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Mejju, 2012, li filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati tal-imputazzjoni in kwantu tirreferi għas-snin 2004 u 2005, u wara li rat l-artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-

Liġijiet ta' Malta u 23(1)(2) tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll r-regolamenti 15 u 20 tal-Avviż Legali 88 tas-sena 1998 sabet lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu in kwantu tirreferi għas-snin 2002 u 2003 u kkundannatu multa ta' ħames mitt Euro (Eur500); peress li l-imputat m'għadux legalment jirrappreżenta lis-soċjeta PBG Limited il-Qorti ma imponietx multa addizzjonali.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Ġenerali, ppreżentat fit-12 ta' Ġunju, 2012, fejn talab lil din l-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant William Caruana ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu għas-snin 2002 u 2003, u tbiddilha fil-parti tal-piena billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellat multa ta' ħames mitt Ewro (Eur500), timponi multa addizzjonali skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 23(13) tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il- fedina penali aġġornata tal-appellat esibita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-appellat għalkemm debitament notifikat baqa' ma deherx għas-smigħ tal-appell.

Semgħet trattazzjoni tal-appellant Avukat Ġenerali.

Ikkunsidrat:

Illi fl-appell minnu ntentat l-Avukat Ġenerali iħossu aggravat unikament f'dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti naqqset milli tapplika fil-konfront tal-appellat William Caruana il-multa addizzjonali oltre għal piena inflitta u dan kif

maħsub fl-artikolu 23(13) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta. Jisħaq l-Avukat Ġenerali illi l-impożizzjoni ta' tali multa mhijiex waħda fakoltativa għal Qorti fejn il-liġi lanqas ma tagħmel ebda konċessjoni favur dak it-*taxpayer* jew pagatur li fil-jum tal-għoti tas-sentenza ma jkunx għad għandu ir-rappreżentanza legali tas-soċjetà kummerċjali li tkun inadempjenti fid-dmirijiet fiskali tagħha.

Illi minn eżami tal-atti tal-kawża jirrizulta illi fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2012, l-appellat irreġistra ammissjoni għall-akkuża lilu addebitata għas-snin fiskali 2002 u 2003 u dan wara li mix-xhieda tar-rappreżentant tal-Awtorità ta' Malta għas-Servizzi Finanzjarji (MFSA) irriżulta illi l-appellat kien irriżenja mill-kariga ta' direttur tas-soċjetà PBG Limited b'effett mill-11 ta' Diċembru 2003. Illi għalhekk, għalkemm ġie misjub ħati, billi l-appellat ma kienx għad għandu ir-rappreżentanza tal-kumpanija, l-Ewwel Qorti naqqset milli timponi l-piena tal-multa addizzjonali fit-termini ta'l-artikolu 23(13) tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta għal kull jum li matulu jkompli jissussisti r-reat.

Illi l-artikolu 23(13) tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi hekk:

> **Kull persuna li tikser jew li tonqos li tħares id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew ta' xi regoli msemmija fis-subartikolu (1) teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux anqas minn mija u sittax-il euro (116) u mhux iżjed minn elf u mija u sittin euro (1,160) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien, u multa oħra ta' mhux inqas minn erba' euro (4) iżda mhux iżjed minn tlieta u għoxrin euro (23) għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat wara li tinsab ħatja:**
>
> **....**
>
> **Iżda wkoll ir-reat taħt dan l-artikolu jibqa' jeżisti sakemm min jagħmel ir-reat ikun ikkonforma ma' u ħares id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew ta' kull regola msemmija fih.**

Illi l-Avukat Ġenerali jargumenta illi mid-diċitura adoperata fil-liġi huwa ċar illi l-leġislatur ma għamel ebda kwalifika dwar meta, jew min jista' jeħel il-multa addizzjonali u allura din is-sanzjoni għandha tapplika fil-konfront ta' kull persuna li tkun naqqset mill-obbligi fiskali tagħha mingħajr ebda distinzjoni.

Illi huwa inkontestat illi l-appellat ġie mħarrek biex iwieġeb għall-akkuża lilu addebitata fil-kapaċità vikarja tiegħu bħala direttur tas-soċjetà PBG Limited. Illi huwa ammetta b'mod ikkundizzjonat għal din l-akkuża mingħajr ebda riserva, ħlief f'dak li jirrigwarda is-snin 2004 u 2005, li minnhom ġie finalment illiberat.

Illi l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta ighid hekk:

> **13. Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Atti, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-għemil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u[1] li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita' l-għemil tar-reat:**
> **Iżda ħlief dwar reati taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'Att li fiħ hemm disposizzjoni li tixbaħ id-disposizzjoni ta' dan l-artikolu, id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw biss għal reati li jkunu saru wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att[2].**

Marbuta ma' din id-dispożizzjoni tal-liġi, imbagħad l-artikolu 136A tal-Kapitolu 386 (Att dwar il-Kumpanniji) igħid hekk dwar ir-responsabbiltà tad-direttur f'soċjetà kummerċjali:

**(1) Direttur ta' kumpannija jkun marbut li jaġixxi b'onesta' u bona fide fl-aħjar interessi tal-kumpannija.**

**(2) Id-diretturi ta' kumpannija għandhom jippromwovu il-benessere tal-kumpannija u jkunu responsabbli għal:**

**(a) It-tmexxija ġenerali tal-kumpannija u l-amministrazzjoni u l-immaniġġjar tagħha; u**
**(b) Is-sorveljanza ġenerali tal-affarijiet tagħha.**

*(3)* **B'mod partikolari, iżda bla ħsara għal kull dmir ieħor mogħti lid-diretturi ta' kumpannija, jew lil xi wieħed minnhom, bil-memorandum u l-Istatut ta' assoċazzjoni jew b'dan l-Att jew b'xi liġi oħra, id-diretturi ta' kumpannija:**

**(a) Ikunu obbligati li jeżerċitaw kura, diliġenza u ħila li jkunu eżerċitati minn persuna raġonevolment diliġenti li jkollha –**

[1] Emfażi ta' din il-Qorti.
[2] L-att dwar L-interpretazzjoni daħlet fis-seħħ nar l-4 ta' Frar 1975.

(i) **Kemm it-tagħrif, il-ħila u l-esperjenza li jkunu reġonevolment mistennija minn persuna li tkun qed taqdi l-istess funzjonijiet li jkunu moqdija jew fdati lil dak id-direttur dwar il-kumpannija;**

(ii) **Kif ukoll it-tagħrif, il-ħila u l-esperjenza li jkollu d-direttur;**

(b) **M'għandhomx jagħmlu profitti sigrieti jew personali mill-pożizzjoni tagħhom mingħajr il-kunsens tal-kumpannija, lanqas ma jagħmlu gwadan personali minn informazzjoni konfidenzjali tal-kumpannija;**

(c) **Għandhom jassiguraw li l-interessi personali tagħhom ma jkunux f'konflitt mal-interessi tal-kumpannija;**

(d) **Ma għandhomx jużaw xi propjeta', informazzjoni jew opportunita' tal-kumpannija għall-benefiċċju tagħhom stess jew ta' xi ħadd ieħor, jew jieħdu xi benefiċċju b'xi mod ieħir b'konnessjoni mal-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom, ħlief bil-kunsens tal-kumpanija f'laqgħa ġenerali jew ħlief kif permess mill-memorandum u l-istatut tal-assoċazzjoni tal-kumpannija;**

(e) **Għandhom jeżerċitaw is-setgħat li għandhom għall-finijiet li jkunu ngħataw is-setgħat u m'għandhomx jużaw ħażin dawk is-setgħat.**

Ukoll b'referenza għad-dispożizzjonijiet preliminari tal-istess Att, id-definizzjoni ta' direttur '*tinkludi kull persuna li jkollha l-kariga ta' direttur ta' kumpannija*[3]*, ikun x'ikun l-isem tagħha, li sostanzjalment taqdi l-istess funzjonijiet dwar it-tmexxija tal-kumpannija, bħal direttur*'.

Illi esposti dawn il-punti ta' dritt huwa ċar illi l-funzjoni ta' direttur huwa vast u ġeneriku ħafna. Dan jidher li huwa wkoll l-ispirtu tal-artikolu 13 meta jixħet fuq kull direttur (mingħajr l-ebda speċifikazzjoni tal-funzjonijiet li jaqdu jew li qdew fil-kumpanija li tkun) ir-responsabbiltà' kriminali meta jiġu kommessi reati mill-kumpanija bħalma fil-fatt ġara f'dan il-każ. Issa sabiex direttur jeżimi ruħu minn kull responsabbiltà penali jrid neċessarjament iressaq prova li huwa aġixxa b'diliġenza sabiex jevita l-egħmil tar-reat li dwaru l-kumpanija minnu rappreżentata hija mixlija, mqabbla mal-figura tal-*bonus pater familias*. Illi kien jispetta lill-appellat allura jipprova illi fis-snin li għalihom tirreferi l-akkuża huwa kien mexa b'diliġenza u responsabbiltà u li għan-nuqqas imputat lilu huwa ma kienx jaħti.

[3] Emfażi tal-Qorti.

Issa, kif ingħad, l-appellat ammetta għall-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu mingħajr ebda riserva. Illi *di piu'* huwa ma iressaq ebda prova għall-inqas sal-grad rikjest sabiex jipprova jeżimi ruħu minn din ir-responsabbiltà u billi jirrizulta illi huwa irriżenja mill-kariga ta' direttur fis-sena 2003 din mhijiex prova suffiċjenti li tista' teħilsu mill-obbligi fiskali tiegħu. Huwa irid jipprova li mhux biss ma kienx jaf b'dawn in-nuqqasijiet imma wkoll li kien eżerċita id-diliġenza kollha tiegħu, kif dettat wkoll mill-Att dwar il-Kumpanniji, sabiex jevita li dawn in-nuqqasijiet jirrikorru jew li għamel li seta' biex isolvi l-problema li kienet inħolqot tul dawk is-snin kollha.

Illi anke il-fatt li l-appellat jista' jinstab fil-impossibbiltà li jikkonforma ruħu mal-liġi ma tistax isservih bhala difiża u dan għaliex kif ingħad fis-sentenza il-Pulizija vs Antonio Busuttil[4]:

> **"filwaqt illi din il-Qorti tirrikonoxxi d-difiza ta' impossibiltà hija rikonoxxuta fis-sistema guridika taghna, bhala regola generali din id-difiza tista' tigi mqajma biss jekk dak li jkun ma jkunx pogga ruhu volontarjament fl-impossibiltà fizika li jottempora ruhu mal-ligi. Kwindi jekk is-sitwazzjoni tkun ta' self-inflicted impossibility, din id-difiza ma tistax treggi. Il-proviso tal-artikolu 23(13) jipprovdi li r-reat jibqa' jezisti sakemm min jaghmel ir-reat ... Dawn il-kliem ifissru li r-responsabiltà tad-direttur jew min ghandu fuqu responsabbiltà illi jottempora ruhu mal-provvedimenti tal-Kap fuq imsemmi 372 jibqa' responsabbli versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni anke wara li jkun spicca minn direttur. Peress illi l-kliem "min jaghmel ir-reat" ma fiha ebda definizzjoni partikolari ta' kariga irrispettivament jekk dak li jkun jkunx ghadu direttur jew le. Jekk ma jkunx ghadu direttur, allura jkollu l-obbligu illi jipprova illi huwa kien fl-impossibiltà li jottempora ruhu mal-ligi minhabba raguni jew ohra. Jekk direttur jirrezenja fi zmien partikolari volontarjament, allura volontarjament ikun ghalaq il-bieb sabiex jottempora ruhu mal-ligi u fil-konfront tieghu l-preskrizzjoni ma tapplikax u l-provisio tal-artikolu 23(13) tal-Kap. 372 jibqa' jissussisti fil-konfront tieghu. Jekk min-naha l-ohra direttur jimrad b'tali mod illi jkun fl-inkapacità li jottempora ruhu mal-ligi jew inkella kontra l-volontà tieghu jitnehha minn direttur qabel ma jkun jista' jaqdi l-obbligazzjoni tieghu versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni, allura hawnhekk hija kwistjoni ohra u l-imputat ikun jista' jqajjem b'success id-difiza ta' impossibiltà. Però din il-prova jrid igibha l-imputat jew il-persuna li tkun ghamlet ir-reat li juri lill-Qorti almenu sal-grad ta' probabiltà illi huwa kien fl-impossibiltà illi jaqdi d-doveri tieghu versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Fin-nuqqas ta' din il-prova l-persuna tibqa' responsabbli ghal**

[4] Deċiża mill-Imħallef Michael Mallia nhar is-6 ta' Dicembru 2012

**zmien indefinit stante li r-reati kontemplati taht il-Kap. 372 huma reati permanenti."[5]**

Illi kwindi huwa ċar mid-diċitura ta' din is-sentenza li l-impossibilta' li jikkonforma ruħu mal-liġi ma tistax twassal għal xi klemenza minn naħa tal-Qorti u dan meta mill-atti jirriżulta illi l-appellat rriżenja minn jeddu mill-kariga ta' direttur fis-sena 2003, u fuq kollox ammetta b'mod ikkundizzjonat għall-imputazzjoni lilu addebitata.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell interpost mill-Avukat Ġenerali, tgħaddi għalhekk biex tirriforma is-sentenza appellata, tikkonfermaha fejn l-appellat ġie misjub ħati tal-imputazzjoni lilu addebitata ghas-snin 2002 u 2003 u fejn huwa ġie ikkundannat għal ħlas ta' multa ta' €500, u wara li rat l-artikolu 23(13) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah għal ħlas ta' multa addizzjonali ta' €4 għal kull jum li matulu jkompli r-reat, bit-terminu jibda jiddekorri mil-lum.

Edwina Grima

Imħallef

[5] Pulizija vs Antonio Busuttil deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) mill-Imħallef Michael Mallia nhar is-6 ta' Diċembru 2012, b'referenza għal każ fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Mary Debono wkoll deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali u mill-Imħallef Michael Mallia nhar id-9 ta' Diċembru 2011.